MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tad-9 ta' Novembru, 2012

Appell Civili Numru. 74/1990/1

**Joseph Stellini u b'digriet moghti fit-23 ta' Frar 2009 il-qorti ordnat it-trasfuzjoni tal-gudizzju f'isem Emmanuel Stellini f'ismu proprju u bhala mandatarju ta' hutu l-imsefrin George, Michael, u Antoinette Buhagiar; u b'digriet tat-12 ta' Marzu 2012 stante l-mewt ta' Antonia Buhagiar l-atti gew trasfuzi f'isem Louis sive Lewis Buhagiar bhala eredi tal-mejta Antonia Buhagiar; Gregory Stellini, Emily mart John Muscat u Carmen mart Angelo Bugeja ahwa Stellini, wara l-mewt ta' l-attur fis-7 ta' April 1998.**

**v.**

**Carmel Stellini u b'digriet tat-3 ta' Settembru 1997 il-gudizzju gie trasfuz f'isem ta' Emilia Stellini u Lucy Sultana, Julian Stellini u Michelangelo Stellini kif rapprezentati minn ommhom Rita Stellini wara l-mewt ta' Carmel Stellini fil-mori tal-kawza; u b'digriet tat-18 ta' Ottubru 2011 stante l-mewt ta' Julian Stellini l-gudizzju f'ismu gie trasfuz ghal fuq isem Michaelangelo Stellini f'ismu u bhala mandatarju ta' hutu imsefrin Emilia Stellini u Lucy Sultana; u b'digriet tat-30 ta' Jannar 2012 stante l-mewt ta' Rita Stellini l-gudizzju gie trasfuz f'isem uliedha Michael, Emilia xebba, Lucy mart Joseph Sultana u Julian ahwa Stellini; Michaelina mart Vincent Cutajar; Lucia xebba Stellini, u b'digriet tat-18 ta' Ottubru 2011 stante l-mewt ta' Lucia Stellini il-gudizzju gie trasfuz f'isem Anthony Cauchi; George Xuereb li b'digriet tal-25 ta' Lulju 1990 gie nominat kuratur deputat sabiex jirraprezenta lill-imsiefra Anna mart Anthony Xuereb u Dr Carmelo Galea assuma l-atti tal-kawza minflok George Xuereb b'nota tas-16 ta' Ottubru 1990 u b'digriet tal-10 ta' Novembru 1994 il-gudizzju gie trasfuz f'isem Dr Carmelo Galea fil-kwalita` tieghu ta' mandatarju tal-imsefrin Emanuel, George, Carmen mart Louis Camilleri, Sylvia armla ta' Mario Xuereb, Lucy mart Alfred Catania, Michaelangela sive Angiolina armla ta' Salvu Portelli, Maria Antonia mart Loreto Grech, Mary mart Paul Grech u Loreto ilkoll ahwa Xuereb minflok Anna Xuereb li mietet fil-mori tal-kawza; u b'nota prezentata fl-24 ta' Ottubru 2007 Anthony Cauchi assuma l-atti tal-kawza bhala mandatarju ta' Frederick, Maryanne Muscat, u David ahwa Xuereb ulied il-mejjet Emanuel Xuereb[1], Salvina sive Sylvia Xuereb, Lucy Catania, Maria Antonia Grech, Mary Grech, Michaelangela sive Angiolina Portelli u George ahwa Xuereb u b'digriet moghti fit-18 ta' Frar 2009 saret trafuzjoni tal-gudizzju f'isem Frank Cauchi ghan-nom tal-assenti Gregory Cassar, u Carmen Cauchi ulied Michelina Cutajar li mietet fil-5 ta' Dicembru 1993**

---

[1] Ghalhekk m'hemmx htiega li ssir trasfuzjoni tal-gudizzju ta' Emanuel Xuereb, iben Anna Xuereb.

1. Dan il-provvediment huwa dwar talba magħmula mill-atturi appellanti b'rikors tas-27 ta' Mejju 2011[2] għall-produzzjoni ta' dokumenti fl-istadju tal-appell. Għalkemm it-talba hija għall-produzzjoni ta' bosta dokumenti, il-partijiet waqt is-seduta tat-2 ta' Lulju 2012 ippreċiżaw illi huwa meħtieġ provvediment biss dwar it-talba għad-dokument immarkat bl-ittra "D", li hu dokument maħruġ mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni li jgħid illi ma kienet ġiet preżentata ebda denunzja ta' proprjetà li għaddiet bil-mewt ta' Anthony Xuereb, żewġ il-konvenuta Anna Xuereb.

2. Il-kawża hija għall-qsim tal-wirt ta' Michaelangelo u Antonia konjuġi Stellini. Fost il-beni tal-wirt l-atturi jippretendu illi hemm il-fond numru 96, Triq Santa Luċija, Kerċem, Għawdex. Uħud mill-konvenuti ressqu l-eċċezzjoni illi dak il-fond ma huwiex parti mill-wirt għax "hu proprjetà esklużiva ta' Anna Xuereb u ġie akkwistat minnha b'titolu ta' preskrizzjoni".

3. B'sentenza mogħtija fit-3 ta' Marzu 2009 il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Superjuri, Ċivili laqgħet din l-eċċezzjoni. L-atturi appellaw minn din is-sentenza b'rikors tat-13 ta' Marzu 2009 u, b'rikors ieħor tas-27 ta' Mejju 2011, talbu illi jitħallew f'dan l-istadju jipproduċu d-dokument fuq imsemmi.

4. L-atturi jfissru hekk ir-raġuni għal din it-talba:

«… … … irriżulta … illi ma kienet saret ebda dikjarazzjoni *causa mortis* b'referenza għal Anthony Xuereb, ir-raġel ta' Anna Xuereb, u dan jinsab ikkonfermat minn dokument uffiċjali maħruġ mid-Dipartiment tat-Taxxi Interni li qiegħed jiġi hawn anness bhala Dokument 'D'. Li kieku dan il-fond kien tassew ġie akkwistat mill-aventi kawża [*recte*, l-awturi] tal-appellati b'titolu ta' preskrizzjoni, Anthony Xuereb kien ikollu sehem minnu wkoll li f'mewtu kien ikun imissu jiġi dikjarat mill-werrieta tiegħu. … … … [L]-eredi tagħha [*i.e.* ta' Anna Xuereb] iddikjaraw li Anna Xuereb kellha s-sehem sħih fid-dikjarazzjoni *causa mortis*. Dan huwa inkonsistenti mal-eċċezzjoni tagħhom illi l-fond ġie akkwistat b'titolu ta' preskrizzjoni għaliex jekk kellu jiġi akkwistat bil-preskrizzjoni din kienet topera favur tal-

[2] *Foll.* 71 *et seqq.*

konjuġi Xuereb – it-tnejn li huma, mhux Anna Xuereb biss.
… … … »

5. Il-konvenuti opponew għat-talba.

6. Din il-qorti hija tal-fehma illi t-talba tal-atturi ma jixraqx illi tintlaqa'.

7. Qabel xejn, Anthony Xuereb ilu li miet mill-11 ta' Novembru 1991, u għalhekk id-dokument seta', u kellu, jinġieb waqt is-smigħ tal-kawża fl-ewwel grad wara li tressqet l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni. Huwa minnu illi l-liġi tippermetti illi, eċċezzjonalment, jitressqu dokumenti ġodda fil-grad ta' appell iżda, fiċ-ċirkostanzi eċċezzjonali fejn dan jista' jsir, id-dokumenti "għandhom" jinġiebu flimkien mar-rikors tal-appell, kif igħid u jrid l-art. 145 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, u mhux wara, kif ġara fil-każ tallum.

8. Barra minn hekk, id-dokument ma huwiex relevanti għall-meritu tal-appell.

9. L-eċċezzjoni li tressqet mill-konvenuti u li laqgħet l-ewwel qorti hija illi l-proprjetà nkisbet minn Anna Xuereb u mhux minn Anna Xuereb u żewġha flimkien. Il-konvenuti kienu tal-fehma – tajba jew ħażina – illi l-proprjetà kisbitha Anna Xuereb weħedha, tant illi fl-istqarrija dwar it-trasmissjoni tal-wirt tagħha il-proprjetà ġiet denunzjata bħala kollha tagħha. Il-fatt għalhekk li l-proprjetà ma ġietx denunzjata mal-mewt ta' Anthony Xuereb huwa fatt għal kollox irrelevanti: ma jfissirx illi l-proprjetà ma nkisbitx bi preskrizzjoni; ifisser biss illi l-konvenuti kienu tal-fehma illi l-proprjetà nkisbet bi preskrizzjoni minn Anna Xuereb weħedha, tant illi l-eċċezzjoni f'dak is-sens ressquha – u f'dak is-sens intlaqgħet mill-ewwel qorti – u wara mewtha s-suċċessuri tagħha iddenunzjaw il-proprjetà bħala tagħha weħedha.

10. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tiċħad it-talba magħmula fir-rikors tas-27 ta' Mejju 2011 għall-produzzjoni tad-dokument "D" mehmuż mal-istess rikors. L-ispejjeż ta' dan l-episodju jħallsuhom l-atturi appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------